Il-Kummissjoni Ewropea

MT



© iStockphoto - Yaroslav Litun

# Kemm huma siguri s-siġġijiet tar-roti għat-tfal li jinbigħu fl-UE?

CASP Coordinated Activities on the Safety of Products

**L-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq ħadmu flimkien fuq inizjattiva ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza tal-prodotti biex jiċċekkjaw is-siġġijiet tar-roti għat-tfal għal riskji ta' sigurtà.**

## X'ġie ttestjat?

**25 siġġu tar-roti għat-tfal ta' quddiem jew ta' wara**, mixtrija online u minn ħwienet fiżiċi fi **8 pajjiżi**, ġew analizzati minn laboratorju akkreditat fl-UE. Ġew ittestjati għal riskji ta' sigurtà inklużi truf li jaqtgħu u sporġenzi, riskju ta' qbid, qtugħ u kompressjoni, rilaxx u distakkament aċċidentali – kif ukoll għad-durabbiltà, il-prestazzjoni u l-konformità mad-disinn u d-dimensjonijiet meħtieġa.

## X'għandek tagħmel?

- **iċċekkja** Safety Gate biex tara jekk ġewx irrappurtati problemi għall-prodott li tixtieq tixtri – kun ċert li tfittex l-istess numru tal-lott;
- **qabel tixtri**, żgura li s-siġġu huwa tajjeb għar-rota tiegħek – l-għoli u l-piż massimi tat-tfal għandhom jintwerew fil-punt tal-bejgħ;
- **kun żgur** li għandu ċineg tal-ispalla, serħan għas-saqajn u ċineg għas-saqajn. Jekk ikun nieqes xi wieħed minn dawn l-elementi jista' jkun perikoluż.
- **qabel tirkeb**, iċċekkja s-siġġu għat-tfal tiegħek għal truf li jaqtgħu, viti, jew boltijiet li jistgħu jaqbdu mal-ħwejjeġ.
- **spezzjona s-siġġu regolarment,**, b'mod partikolari l-aċċessorju tas-siġġu, għax it-temp u l-użu frekwenti jistgħu jillaxkaw il-partijiet jew jagħmlu ħsara lill-komponenti, u dan jista' jaffettwa s-sigurtà;
- **irrapporta problemi ta' sigurtà** jew inċident bil-prodott lill-awtorità tal-protezzjoni tal-konsumatur tiegħek fuq Consumer Safety Gateway.

## Riżultati tat-test

**17 minn total ta' 25 kampjun (68 %)** ma ssodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti tal-ittestjar.

L-ogħla rata ta' falliment għar-rekwiżiti tas-sigurtà relatati ma' truf jaqtgħu u sporġimenit, bi 11 (44 %) minn 25 kampjuni ma għaddewx mit-test. Total ta' 8 kampjun (32 %) ma ssodisfax ir-rekwiżiti ta-saqajn u ż-żamma biċ-ċinturini. Għar-rekwiżiti tal-protezzjoni laterali tas-siġġu, 6 (24%) tal-kampjuni fallew. L-istess proporzjon falla wkoll fl-effettività tas-sistema ta' trażżin, is-sigurtà taċ-ċinturin (li tiżgura li jibqgħu f'posthom) u s-saħħa tal-apparati ta' aġġustament.

11 (85%) mit-13-il kampjun mixtrija online ma rnexxewx, kif ukoll 6 (50%) mit-12-il kampjun mixtrija mill-ħwienet. Barra minn hekk, il-maġġoranza tas-siġġijiet ma ssodisfax ir-rekwiżiti għal twissijiet, marki u istruzzjonijiet li jridu jiġu pprovduti mal-prodott.




## X'inhuma r-riskji?

Is-siġġijiet tar-roti għat-tfal jintużaw f'ambjenti fejn l-inċidenti u l-ħabtiet huma possibbli, u b'hekk il-mitigazzjoni tar-riskju hija essenzjali. Disinn jew manifattura ħażina jistgħu jżidu r-riskju ta' korriment.

L-aktar kwistjonijiet serji ta’ sikurezza nstabu fiċ-ċinturini u fis-sistemi ta’ trażżin. Xi apparati ta' aġġustament fallew it-testijiet tas-saħħa, iċ-ċineg setgħu jiżolqu minn posthom, jew ma kinux sikuri għat-tfal, u b'hekk joħolqu riskji ta' waqgħat u tħabbil jew strangolament potenzjali.

Riskji addizzjonali jinkludu siġġijiet ta’ quddiem imwaħħla ħażin, li jistgħu jaffettwaw il-kontroll tal-istering u jikkawżaw inċidenti, u sedili pożizzjonati jew imwaħħla ħażin, li jistgħu jirriżultaw fit-twaqqigħ tat-tfal. It-temp, l-użu frekwenti u l-użu ta’ siġġu mhux adattat għal rota partikolari jistgħu jkomplu jikkompromettu s-sigurtà.

## X'għamlu l-awtoritajiet nazzjonali?

**2** mill fallimenti ġew ivvalutati bħala li joħolqu **riskju serju**, 1 riskju għoli; 3 riskju medju u 3 riskju baxx.




Notifiki għal **2 prodott** ikkunsidrati ta' ħsara ttellgħu fuq Safety Gate, is-sistema ta' twissija rapida tal-UE għal prodotti perikolużi mhux tal-ikel.

L-awtoritajiet nazzjonali li qed jipparteċipaw f'dan l-isforz kollaborattiv ħadu l-azzjonijiet li ġejjin:

- sejħu lura prodott wieħed mill-utenti aħħara;
- taw istruzzjonijiet għall-irtirar ta' 3 prodotti mis-suq;
- talbu lill-operaturi ekonomiċi biex ibiddlu jew itejbu 5 prodotti;
- imponew sanzjonijiet fuq operaturi ekonomiċi għal 3 prodotti oħra;
- talbu li 3 prodotti jiġu mmarkati bi twissijiet xierqa.



© stock.adobe.com - Irina Schmidt